MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-12 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 1/2003

F.E. Sullivan and Company Limited
vs
Mv Garyounis

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Illi s-socjeta` F.E. Sullivan & Co Limited hija kreditrici tal-bastiment "Garyounis" fl-ammont ta' Lm15,136.49 (hmistax-il elf mija sitta u tletin liri Maltin u 49 centezmu.

Illi dan il-kreditu huwa dovut rigward koknsenja ta' makkinarju ghal bastiment, provisti u servizz ohra moghtija lill-bastiment mis-socjeta` attrici.
Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u fil-

fehma tas-socjeta` attrici l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti.

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm15,136.49 (hmistax-il elf mija sitta u tletin liri Maltin u 49 centezmu).

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta' Impediment u Mandat ta' Qbid datati Jannar 2003 u bl-imghax relatat sal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, u l-lista tax-xhieda.

**ECCEZZJONIJIET:**

Rat illi l-konvenut debitament notifikat [fol 7] baqa' ma deherx ghall-kawza u ghalhekk u peress li japplikaw il-provvedimenti taht l-artikolu 167 et tal-Kap 12, din il-procedura giet addottata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

**PROVI:**
Ikkunsidrat

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Alexander Sullivan;

Rat l-affidavit ta' l-istess Alexander Sullivan ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` F.E. Sullivan & Co Limited fejn iddikjara u kkonferma li s-socjeta` F.E. Sullivan & Co Ltd hija kreditrici tal-bastiment "Garyounis" fl-ammont ta' Lm15,136.49 liema kreditu huwa dovut rigward konsenja ta' makkinarju ghall-bastiment, provisti u servizzi ohra

moghtija lill-bastiment mis-socjeta` attrici. Illi s-socjeta` attrici talbet lis-sidien tal-bastiment diversi drabi sabiex ihallsu l-ammont dovut u minkejja dan huma baqghu inadempjenti, u li dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut. Sostna li fil-fehma tieghu s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex l-ebda eccezzjoni x'tissolleva kontra t-talbiet u r-ragunijiet tal-attur nomine. Prezenta skeda dettaljata ta' xiex huma dovuti dawn il-flus.

Rat li fil-5 ta' Frar, 2003 Peter Paul Ellul Sullivan ikkonferma li hu Direttur tal-Kumpanija attrici u li baqghu ma rcevew ebda hlas mindu giet prezentata c-citazzjoni.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi l-konvenuti debitament notifikati fiz-zmien preskritt mil-ligi baqghu ma dehrux. Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata, u hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;

Peress li t-talba tal-atturi kif dedotta fic-citazzjoni hija gustifikata, tilqaghha, u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' LM 15136.49 dovuti kif inghad, u bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta' Impediment u Mandat ta' Qbid datati Jannar 2003 u bl-imghax relatat sal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

--------------------------------TMIEM--------------------------------